# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Numru 42 | Jannar - Frar 2001




# EDITORJAL



## Hbieb Huttaf,

Il-bieraħ rajt l-aljeni! Kont miexi fi triq fil-kampanja u f'daqqa waħda rajthom! Madwari! Eluf minnhom! Żgħar, b'għonq twil aħdar, ras safra u għajn waħda fin-nofs. U ħafna idejn! Imbagħad, imbagħad...

Rajt aljen ieħor! Kien wara ħajt tas-sejjieħ. Kbir, ikbar minni. Ġismu goff u mħatteb, b'ħafna rjus qishom platti ħodor, u kull ras kellha gundalli sofor, ħomor u oranġjo!

Taħsbu li qed noħlom, nigdeb, jew niċċajta? Xejn minn dan!

Meta fin-natura nitkellmu fuq **aljeni**, m'aħniex infissru nies jew ħlejjaq li jiġu minn dinjiet oħrajn. L-aljeni fin-natura huma dawk il-pjanti u annimali li ma jkunux ta' dak il-pajjiż, imma jkunu ġew minn artijiet oħrajn. Is-soltu jkunu ġabuhom magħhom in-nies.

Minħabba li jkunu minn art oħra, ħafna minn dawn l-aljeni jagħmlu ħsara għax jistgħu jieħdu post l-annimali u l-pjanti tal-post fejn ikunu daħlu. F'Malta għandna xi pjanti u annimali li ġabuhom magħhom in-nies minn pajjiżi oħrajn. Dawn ikunu ġabuhom jew apposta għax ikollhom bżonnhom (bħal ħxejjex u siġar tal-frott), jew bi żball għax jiġu magħhom (bħall-firien).

Issa li fhimtuni, x'taħsbu li kienu l-aljeni li jiena rajt? Xejn ħlief ħafna pjanti tal-Qarsu u siġra tal-Bajtar tax-Xewk!!!

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur



**Nota**
Il-qarsu hija pjanta mill-Afrika t'Isfel, u l-bajtar tax-xewk hija siġra mill-Messiku

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| L-Alwetta | 5 |
| Gallerija | 6 |
| Kun Berdwoċer 1 | 7 |
| Kompetizzjoni 42 | 8 |
| Id-Dubbien Saqqari | 8 |
| Attivitajiet | 9 |
| L-istorja tal-Qroll | 10 |
| Avviżi | 11 |
| Daħħal membru | 11 |
| Il-Balluta | 12 |


### Working Group ta' Klabb Huttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo


Indirizz: **BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tel: **347646** Fax: **343239** email: **blm@orbit.net.mt**
website: **www.waldonet.net.mt/birdlife/**


Materjal minn Il-Huttafa jista' jiġi kkupjat dment li mhux għal skopijiet kummerċjali, dment li jissemma' isem il-magażin u dment li tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.


Pubblikazzjoni: BirdLife Malta
Produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **Blonġun Sekond** (Black-necked grebe) ritratt ta' Denis Cachia
Faċċata ta' wara: **Siġra tal-Ballut** (holm oak) ritratt ta' Victor Falzon
Films: Gutenberg Press
Stampat: Poulton's Print Shop, Frar 2001


Klabb Huttaf

Klabb Huttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Huttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu hendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Shubija fi Klabb Huttaf hija Lm2 fis-sena.

# 2000 reqdin... ...u 700 mejtin!

Fit-13 ta' Jannar, fl-4.00pm iltqajna 23 membri tal-BirdLife (fosthom anke xi membri kbar ta' Klabb Ħuttaf) ħdejn Kastilja, il-Belt Valletta. Jum imsaħħab bi ftit riħ isfel. Iltqajna biex nagħmlu biċċa studju interessanti. Biex ngħoddu z-zizka!

Iz-**zakak abjad** (pied wagtail) huwa għasfur li jiġi Malta fix-xitwa. Matul il-jum iz-zizka jinxterdu mal-pajjiż kollu, imma filgħaxija jinġabru biex jorqdu x'imkien komdu u kenni. Post popolari ħafna maz-zizka huma għaxar siġriet kbar tal-fikus li hemm fi Pjazza Assedju, quddiem il-Qorti fil-Belt! Kull filgħaxija matul ix-xhur xitwin, gzuz ta' zizka jinġabru hawnhekk minn ħafna nhawi ta' Malta u jidħlu jorqdu qalb il-weraq folt.

Seħibna Denis Cachia, li organizza kollox, qassamna fi gruppi żgħar madwar ix-xtut tal-Belt, ilkoll armati b'arloġġ ta' l-idejn, karta, lapes u par għajnejn! Iz-zizka bdew deħlin waħdiet f'xi 4.30pm, imma l-iktar li daħlu kienu bejn 5.00pm u 5.15pm. Sa 5.30pm kien daħal kulħadd!

Imbagħad erġajna ltqajna lkoll biex ngħaqqdu t-totali. **B'kollox rajna 2235 zakak abjad!** L-aħħar darba li konna għoddejniehom kien f'Jannar 1999 (ara H31), u dakinhar konna għoddejna 2247 - tnax iktar minn dis-sena !






Nhar l-4 ta' Frar xi ħadd ipprova jdaħħal ħafna vrieden mit-Tuneżija magħluqin ġo gaġeġ żgħar f'bagalji. Dawn sabuhom uffiċjali tad-dwana meta fittxew fil-bagalji, li ħadd ma ġie jiġborhom minn fuq il-konvejer (għax beża'!).

Sabu **mas-700 għasfur**, jaħasra fil-biċċa l-kbira mejtin!

Il-**verdun** (greenfinch) huwa wieħed mill-iktar għasafar ta' l-għana popolari ma' dawk li jaqbduhom biex irabbuhom. Verdun "tajjeb" (jiġifieri jaf iweżweż iktar minn oħrajn) jaf iġib prezz ta' mijiet ta' liri!

U għalhekk spiss xi Maltin jippruvaw idaħħlu vrieden bil-moħbi minn barra, per eżempju mit-Tuneżija. Biex ma jkollhomx jiddikjarawhom, jaħbuhom billi jdeffsuhom gzuz ġol-bagalji, bla arja. X'jimpurtahom li l-għasafar isofru waqt il-vjaġġ. L-aqwa dawk il-liri li se jġibu tagħhom!

Imbagħad jgħidulek li jħobbu l-għasafar! Ħalluna!

**Is-sena l-oħra nħarġu 413 liċenzji ġodda tal-kaċċa! Numru ikraħ, veru, imma inqas mill-429 li nħarġu fl-1999! U inqas mill-480 li nħarġu fl-1998! Tgħid! Fl-aħħar! Bdiet tiġri l-ħolma tagħna?**



Ċirlewwa ta' l-Artiku

## Tajra ġdida fjamanta!

Xi berdwoċers spiċċaw is-sena verament fuq togħma tajba. Waqt li kienu seawatching il-Qawra proprju fl-aħħar jum tas-sena 2000, kellhom ix-xorti jaraw **Ċirlewwa ta' l-Artiku** (Arctic tern), għasfur li qatt s'issa ma deher f'Malta. Iċ-ċirlewwa ta' l-Artiku hija l-għasfur li jagħmel l-iktar passa twila. Min-North Pole jibqa' nieżel... sas-South Pole! U lura!

# X'għamilt Jessica!!!



Did-darba ma kinitx Erika, imma Jessica! Tanker mgħobbi biż-żejt jismu Jessica nkalja ftit 'il barra mix-xatt ta' San Cristóbal, waħda mill-famużi gżejjer Galàpagos, fl-oċejan Paċifiku. Tilef mas-700,000 litru żejt fil-baħar. Din l-aħbar kessħet lil kull min għandu n-natura għal qalbu, għax il-Galàpagos mimlijin b'annimali uniċi fid-dinja, bħall-igwani tal-baħar, fkieren ġganti, mragen li ma jtirux, albatri, tipi ta' sul eċċ. Imma b'xorti tajba, il-kurrent u r-riħ ma ressqux ir-roqgħa żejt lejn l-art, u ftit intilfet ħajja naturali. Mhux bħalma ġara fil-każ ta' l-Erika (ara Ħ36), fejn kienu mietu mill-inqas 300,000 tajra tal-baħar.







Nota mill-editur: Darba kellna sensiela artikli fil-Huttafa (H14 sa H21) fuq l-ghasafar tal-Galàpagos.

## Il-Ġappun iħobbu l-ħarpun!



Minn kemm ilu jġib l-iskuża tas-*scientific whaling* (1986), il-Ġappun diġa qabad 'il fuq minn 5000 baliena! Dawn qed jaqbduhom biex taparsi jistudjawhom, imma l-laħam tagħhom dejjem jispiċċa jinbiegħ lir-ristoranti. U dan biex ma nsemmux is-17,000 denfil li jinqabdu wkoll kull sena mis-sajjieda Ġappuniżi.

## Jekk m'għandekx dal-ktieb, tgħidx li tħobb in-natura!




- *Wildlife of the Maltese Islands* huwa **l-aqwa ktieb li jista' jkollok dwar in-natura ta' Malta**. M'hawnx ieħor bħalu - jekk ma temmnux, staqsu 'l min xtrah!
- Dal-ktieb fih **tagħrif u stampi bil-kulur dwar 1000 speċi ta' pjanti u annimali Maltin**, miktub minn esperti Maltin. Fih 336 paġna, kbir 20x26ċm. U jiswa biss Lm6.90.
- Dal-ktieb ħareġ l-ewwel bil-Malti, u **nħataf kollu f'temp ta' ftit xhur**. Ħafna jiddispjaċihom li ma laħqux xtrawh.
- Imbagħad ħareġ dan, bl-Ingliż. **U issa smajna li ftit sew baqa' minnu**! Tħallux li jispiċċa dan ukoll bla ma tiddubbaw kopja.
- Mela sibu Sibt jew Ħadd u aħarbu ħarba mal-ġenituri sar-riserva ta' l-Għadira. U barra li żżuru l-post, minn hemm tistgħu wkoll tixtru kopja ta' dal-**ktieb li dalwaqt isir leġġenda**!



**Tħares lejha ma tantx tispikka, m'għandhiex xi lwien li jgħammxuk bħall-qerd in-naħal jew l-għasfur ta' San Martin. Imma madankollu, lil din il-ħlejqa l-poeti kitbulha poeżiji u l-kompożituri kitbulha l-mużika u semmewha fl-opri u semmewha fid-drammi u fir-rumanzi. Din, ħbieb, hija l-alwetta! U ħadd min dawn l-artisti ma kien berdwoċer!**

# l-Alwetta

*MARK ANTHONY FALZON*

Imma ma tridx tkun berdwoċer biex tapprezza l-għanja ta' dan l-għasfur. Bl-għanja sabiħa tagħha, l-alwetta serqet il-qalb ta' diversi kittieba u mużiċisti. Fil-gżejjer Maltin l-alwetta hija komuni imma jekk ma nkunux nafu kif u fejn għandna nfittxu, hemm iċ-ċans li qatt ma narawwaħda.

L-alwetta hija għasfur ta' daqs mezzan, ftit akbar minn Tal-Bejt fil-fatt. Meta narawha mill-bogħod tidher kafellatte b'daqqiet skuri fuq id-dahar u bajdanija bi strixxi kannella minn taħt. Id-denb huwa tawwali bil-ġnub bojod li jidhru sew meta l-għasfur jittajjar mill-art. Mill-viċin, speċjalment jekk ikollna tromba, l-alwetta tidher ħafna isbaħ għax joħroġ id-dettal tal-kannella u l-kafellatte. Ninnutaw li dan il-kulur hu bżonnjuż ħafna biex l-alwetta ma tagħtix fl-għajn - dan it-tip ta' kulur insejħulu kamuflaxx (bl-Ingliż *camouflage*). Peress li ħafna drabi l-alwett narawh jittajjar, importanti nitgħallmu t-tisfira. Din tixbah "ċirrup" ħoxna imma fl-istess ħin melodjuża. L-għanja hija verament ta' l-għaġeb u ma tixbah xejn li jista' jinkiteb - jekk tridu forsi tisimgħuha, oħorġu berdwoċing!

L-alwetta tbejjet f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa. Tfittex wesgħat miftuħin bħal għelieqi u xagħri u tbejjet ma' l-art. F'Malta ma tbejjitx imma tpassi bejn Ottubru u Diċembru, kiuf ukoll fir-rebbiegħa. F'dawn ix-xhur tkun ġeneralment komuni, u f'xi ġranet jidhru diversi qtajja' li ġieli jkun fihom mijiet ta' għasafar. F'dawn l-aħħar snin in-numru ta' alwett naqas ħafna fl-Ewropa kollha; dan huwa x'aktarx riżultat tal-ħafna bexx li jużaw il-bdiewa.

Numru żgħir mill-alwett li jpassi minn fuq il-gżejjer Maltin jitħajjar iqatta' x-xitwa hawnhekk. Ħafna minnu jinqatel - għal xi raġuni stramba l-liġi tħalli l-kaċċa ssir fuq dan l-għasfur żgħir u sabiħ, u li qed jiskarsa. F'xi xagħri mwarrab u postijiet protetti bħall-ajruport, però, xi ftit alwett jirnexxilu jeħlisha u jgħaddi x-xitwa jippassiġġa ma' l-art, inaqqi xi insetti u żrieragħ żgħar, u ta' spiss jagħmel titjiriet qosra.

**Bl-Ingliż: Sky Lark**
**Isem xjentifiku: *Alauda arvensis***

Interessanti ngħidu li kemm ilu jsir is-"seawatching" (jiġifieri berdwoċing mix-xatt) minn membri dedikati tal-BirdLife, qed jinnutaw ħafna qtajja' ta' alwett ipassu fuq il-baħar, dejjem isegwu l-linja tal-kosta, u ħafna drabi kemm kemm ma jmissux mal-mewġ. Dan juri kemm huma neċessarji l-gżejjer Maltin biex ħafna għasafar iżommu r-rotta waqt il-passa, u biex f'temp ħażin jieqfu jistrieħu u forsi jieklu xi ħaġa.

F'Malta tbejjet kuġina ta' l-alwetta, u din hija l-**bilbla** (short-toed lark), li tkun iżgħar u ftit iktar ċara.

Kultant il-berdwoċers jinnutaw ukoll xi speċi oħrajn mill-familja ta' l-alwett, fosthom il-**kalandra** (calandra lark) u ċ-**ċuqlajta** (woodlark). Dawn, però, huma rari, u biex wieħed jagħrafhom irid ħafna esperjenza.

# GALLERIJA



Fras-Servjent
Frank Paul Vella (13)



Bufula tal-Qamar
Daren Borg (6)



Tiġieġa tal-Baħar
Joeaby Vassalo (11)



Gallozz Iswed
Yoanna Galea (10)



Gardell
Andrew Ricca (9)



Meril
Marie Chircop (11)



Pingwin
Clayton Zammit (13)



Kaktus
Mark Vella (10)



Tigra u Volpi
Alf Buhagiar (13)

**Jekk tixtiequ t-tpinġija tagħkom tidher f'Il-Ħuttafa, agħmlu hekk:**

- pinġu dejjem fuq karta bajda
- tpinġux ikbar minn din il-paġna
- pinġu b'linka sewda, qatt bil-kulur
- tpinġux annimali domestiċi
- iktbu isem l-annimal jew pjanta.
- iktbu isimkom u l-età

Kull tpinġija li nġibu tieħu **3 punti** fil-**Ħuttafa tas-Sena 2001**.

# Kun berdwoċer

1



## X'għandna nagħmlu biex ingawdu l-għasafar aħjar

**Stennew stennew! Fejn sejrin tiġru 'l barra? Biex nosservaw l-għasafar mhux lakemm immorru fil-kampanja tafux! Hemm xi affarijiet li rridu nippreparaw.**

**L-ewwel u l-aktar importanti mhijiex (kif jaħsbu ħafna) it-tromba, imma l-iżveljarin! Le, mhux biex noħduh magħna, imma biex iqajjimna! L-għasafar iqumu kmieni, u jekk irridu narawhom, magħhom l-aħjar li nqumu. Għalhekk...**

### Inlestu l-basket!

Iva, importanti li nlestu kollox minn filgħaxija, halli nisbu kollox lest. Mela ejja nlestu l-basket flimkien...

Il-**basket** stess irid ikun wieħed li jintlibes mad-dahar, u mhux li jinġarr fl-idejn. Tegħjew inqas u jħallilkom idejkom liberi.

Fil-qiegħ tal-basket itfgħu **rejnkowt** u **umbrella** (forsi mhux f'Lulju!) Il-kumdità importanti, għax jekk tkun għasra bix-xita, jistgħu mhux jgħaddu borok, għax miżerabbli tibqa'! Daħħlu wkoll **beritta** (għax-xemx) u **kuxin** żgħira (biex il-warrani jkun komdu u xott kull fejn tpoġġu bilqiegħda!)

Niġu għall-għodda proprja. Dawn huma gajd u nowtbuk. **Gajd** (bl-Ingliż *field guide*) huwa ktieb mimli stampi u tagħrif dwar l-għasafar kollha li nistgħu ninzertaw. Hawn ħafna gajds, li ssibu tixtru mill-ħwienet tal-kotba, u anke mir-riserva ta' l-Għadira (araw il-kaxxa). Gajd ma jkunx ktieb kbir (xi daqs nofs dil-paġna) biex ma jtaqqlekx. Iġġorrux enċiklopediji!

In-**nowtbuk** qiegħed biex tniżżlu fih ir-rekords tagħkom. Qisu li jkollu qoxra iebsa u jkun żgħir biex joqgħod fil-but. Dejjem ġorruh magħkom, u fih niżżlu d-data, it-temp, il-post u x'għasafar rajtu.

### Tinsix it-tromba!

Veru li kull tant l-għasafar jgħaddu viċin u nagħrfuhom b'għajnejna jew mill-għajta tagħhom. Imma l-għasafar spiss ħa narawhom tikka. Heqq, u fin-nowtbuk m'intix se tniżżel li rajt "Tikka"! Jiġifieri jekk m'għandekx tromba, trid tixtri waħda! Jew inkella morru tajjeb ħafna fl-eżamijiet u forsi nieskom jixtrulkom waħda għall-birthday! Tixtrux trombi minn ħanut tat-toys! Tromba mhijiex ġugarell, imma biċċa għodda serja! Issibu tixtruha minn xi ħanut tal-fotografija (jew anke xi ħanut tan-nuċċalijiet). Trombi hawn ħafna forom u daqsijiet - il-kbar mhux bilfors aħjar miż-żgħar.




Tromba jkollha żewġ numri importanti, ngħidu aħna 10x50. L-ewwel numru jurik kemm tkabbar it-tromba. Għalhekk tromba **10**x50 tkabbar għaxar darbiet u tromba **8**x50 tkabbar tmien darbiet.

It-tieni numru jurik id-daqs tal-lenti l-kbira. Iktar ma tkun kbira dil-lenti, aktar it-tromba tkun iddaħħal dawl. Għalhekk tromba 12x**60** iddaħħal aktar dawl minn tromba 8x**40**. Tromba mudlama tbati biha filgħodu kmieni jew filgħaxija. Mill-banda l-oħra, tromba żgħira hija iktar komda biex iġġorrha milli waħda kbira.

### U fl-aħħar...

Fl-aħħarnett tinsewx iddaħħlu fil-basket xi **ikel** u **xorb** - bl-arja friska u x-xemx ta' filgħodu tgħidx kemm jiftaħ l-aptit!

Issa tistgħu tagħlqu l-basket u tlestu l-ħwejjeġ. Bilħaqq, ħwejjeġ kuluriti ħalluhom għall-karnival. Għall-għasafar kuluri mitfijin l-aħjar - kannella, aħdar, griż, iswed.

**Issa ssettjaw l-iżveljarin u tistgħu tmorru torqdu!**

*JUSTIN VASSALLO*

### Liema gajd?




Gajds bir-ritrattimhumiex tajbin, għax ritratt ma jurikx dejjem kollox.

Dan illum ftit antik, imma mhux ħażin




Dan ma fihx l-għasafar kollha bil-kulur, imma l-uniku wieħed bil-Malti




Dan huwa l-aqwa gajd li hawn fuq il-pjaneta!

# KOMPETIZZJONI 42

NORMAN CHETCUTI
*The Jester*

## Qabbel!

| | |
|---|---|
| Bagħdan | Safra |
| Kuluvert | Iswed |
| Gallozz | Aħmar |
| Ajkla | Ħadrani |
| Tajra | Kaħla |
| Vjolin | Bajda |
| Daqquqa | Griż |

**Qabbel il-KULUR ma' l-GĦASFUR.** Attent, għax hemm għasafar li jistgħu jieħdu iktar minn kulur wieħed, u forsi jfixkluk. Imma qis li kull kulur tużah darba biss. Ibgħat il-lista kompleta lill-BirdLife (indirizz p2), flimkien ma' ismek u l-indirizz. Ir-rebbieħ jittella' mit-tweġibiet tajbin, u jingħata **ktieb fuq l-għasafar.** Tqasqasx il-magażin, u ċans għandek sa nhar **l-Erbgħa 21 ta' Marzu**




Ir-rebbieħ ta' Kompetizzjoni 41 huwa **Stephen Borg** mis-Siġġiewi. Stephen mitlub jasal wasla saċ-Ċentru tal-BirdLife (Tnejn sal-Ġimgħa 9am-12.00) f'Ta' Xbiex, biex jiġbor il-premju tiegħu. Prosit Stephen, u tinsix tieħu miegħek il-membership card!

# Id-Dubbien Saqqari

Spot Natura

*JASON ALOISIO*

Kos, jekk toqgħod taħseb ftit tinduna li ħafna mill-invenzjonijiet kbar tal-bniedem għamlithom qabilna n-natura. Ngħidu aħna, il-ħelikopter kapaċi jżomm wieqaf fl-arja mingħajr ma jiċċaqlaq. L-istess ħaġa kapaċi jagħmel id**dubbien saqqari** ( *hover flies* ), li minnu għandna madwar 43 speċi.

Dan id-dubbien jissejjaħ hekk għax kapaċi jissaqqar (itir wieqaf fl-istess post) bi preċiżjoni kbira. Din il-ħaġa jagħmluha l-aktar id-dbieben irġiel fi żmien in-namra. Huma jagħżlu xi zokk jew ġebla, jissaqqru fuqha għal ħinijiet twal u ma jħallu l-ebda insett ieħor jersaq fejnhom. Il-post magħżul ġieli jibqa' okkupat mill-istess dubbiena għal ġranet sħaħ.

Ħafna mid-dubbien saqqari jixbah liż-żunżan u n-naħal fil-lewn, fl-għamla u fl-imġiba. Dan ix-xebh jgħin lid-dubbien jiskansa ħafna perikligħaliex ħafna predaturi jħalluh bi kwietu għax jaħsbuh żunżan jew naħla u jibżgħu mix-xewka. Anke aħna nitfixkluh kultant ma' naħal, u nitbiegħdu minnu. Id-dubbien saqqari fil-fatt m'għandux xewka biex jiddefendi ruħu.

Id-dubbien saqqari jbejjet f'għadd ta' ambjenti differenti. Hemm min ibejjet fil-ħaxix jew injam li qiegħed jitmermer. Oħrajn ibejtu fil-bejtiet ta' insetti soċjali jew saħansitra fl-ilma qiegħed.







# Aħna ħa nimxu!!

- Bħas-sena l-oħra, se nerġgħu nagħmlu mixja maratona.
- Qassarnieha kważi bin-nofs biex ma tantx tegħjew - 11km flok 20km.
- Sibna rotta sabiħa u faċli - tlajja' ftit u ħafna nżul!.
- Għal dil-mixja nixtiqukom issibu sponsors, biex niġbru ftit flus. Ftakru li qegħdin infaddlu biex nixtru teleskopju għar-riserva ta' l-Għadira.
- Mela ejjew! Għandna biss biss premjijiet għal kull min jiġbor iktar minn lira, u xi ħaġa anke għal kull min jattendi!
- Aktar dettalji fl-isponsor sheet li għandkom ma' dil-ħarġa tal-Ħuttafa.



Data: **18 Marzu 2001** Ħin: **8.30am**
Niltaqgħu: **ħdejn ir-Roman Villa, ir-Rabat**
Nispiċċaw: **Bajja tax-Xemxija** (f'xi **12pm**)
Ħuttaf: **Kollha + sħabkom + qrabatkom!**



***Hawn ħbieb,***

*Il-bieraħ qrajt fil-gazzetta "Hunter fined for hunting at Buskett". Ftakart f'dak il-kaċċatur li konna rrappurtajna waqt il-kamp ta' Settembru. Min jaf jekk intom kżajtux lil xi ieħor!*

*Ħbieb, jekk tkunu fil-kampanja u taraw qtil ta' xi għasfur protett, aqbdu u ċemplu lill-pulizija fuq* ***191*** *(anke mill-mowbajl dan-numru b'xejn). Jekk m'intomx ċerti mil-liġijiet, iġbru kopja b'xejn mid-Dipartiment ta' l-Ambjent fil-Furjana. Biss ngħidilkom li waqt Frar kollu, il-liġi ta' Malta ma tħalli la kaċċa u lanqas insib minn fuq l-art. Mela jekk fi Frar taraw kaċċatur jew nassab, fittxu rrappurtawħ. Mill-baħar jistgħu jikkaċċjaw, imma jridu jkunu bogħod ħafna mill-art, u suppost ma jkunux jidhru. F'idejkom.*

*Niġu għall-attività. Dakinhar tal-**bajkbajk** sebaħ imsaħħab u bix-xita. Tlajt il-Belt u sibt membru (Alf) jistennieni. Inżilna l-Mosta, fejn sibna sitta oħra ma' Graziella. It-temp fetaħ u "Mmorru" għedtilhom! Imma tar-roti kien marid, u għalhekk morna ħallejna r-roti li kellna għand Graziella. Imbagħad morna mixja sa Wied il-Għasel, wied il-ġmiel tiegħu kollu għerien mal-ġnub. U mn'alla kienu dawk l-għerien biex nistkennu fihom mix-xita! U għamlet xita xi ħaġa dakinhar! F'għar minnhom sibna xi njam mormi, u għamilna ħuġġieġa u kulħadd tgezzez ħa jisħon u jinxef. Sa ma ntefa n-nar, it-temp fetaħ u rhejnielha lura lejn il-Mosta. Insomma, mixja eċċitanti f'wied sabiħ li però qed jirvinawħ il-barrieri, u żewġ boloħ li għaddew litteralment minn ġo nofs il-wied bl-iskremblers, jgħaffġu u jkissru n-natura! Din ħaġa illegali, u għalhekk ċempilna lill-pulizija u tajnieħom in-numri tal-muturi. Nisperaw li jlaqqtu multa, forsi jitgħallmu.*

*Insomma, ħadna gost. Issa jmiss tliet attivitajiet interessanti - tnejn berdwoċing, u mixja Għawdex. Narakom!*

**Justin Vassallo**

# Berdwoċing il-Qammieħ

13 plus



kuluvert

Ma' l-ewwel qamar kwinta ta' Marzu, minn Malta jgħaddu eluf ta' borok (papri slavaġ). S'issa qatt ma għamilna attività fi żmienhom eżatt. Imma dis-sena iva. Se mmorru l-Qammieħ, wieħed mill-postijiet favoriti mal-berdwoċers Maltin. Mela min irid jara qtajja' ta' borok ipassu, narakom...

Data: **10 Marzu 2001** u **11 Marzu 2001**
Niltaqgħu: **6.05am il-Belt fejn tal-ħalib** jew
**7.00am il-venda ta' l-Għadira**
Lura: **xi 11.00am** Ħuttaf: **13yrs +**

# Mixja Għawdex

13 plus

Għawdex is-soltu mmorru fis-sajf biex naraw iċ-ċief. Did-darba sejrin firebbiegħa għal mixja fil-kampanja sabiħa (li baqa' minnha!)

F'daż-żmien tas-sena nistennew li naraw xi rsieset, għasafar tal-plajja, xi spanjulett... imsomma, bejn l-għasafar, il-kampanja u l-kumpanija nieħdu gost.

Mela...



russett griż

Data: **25 Marzu 2001**
Niltaqgħu: **7.30am il-Belt fejn tal-ħalib** jew
**8.30amiċ-Ċirkewwa** jew
**9.15am l-iMġarr Għawdex**
Lura Malta: xi **5pm** Ħuttaf: **13yrs +**

# L-istorja tal-QROLL

ELISABETH CONRAD

**Imxerrda fl-ibħra tropikali nsibu waħda mill-ekosistemi l-iktar importanti tad-dinja, u din hija l-iskollijiet tal-qroll *(coral reefs)*. Dawn l-iskollijiet jokkupaw inqas minn 0.2% ta' l-area ta' l-oċeani, imma fihom u madwarhom jgħixu kwart ta' l-ispeċi kollha tal-baħar!**


Meravilja tan-natura!

### Bżonnjuż

L-iskollijiet tal-qroll għandhom diversi funzjonijiet. Jipprovdu ikel u kenn għal eluf ta' speċi ta' ħut u ħlejjaq oħrajn. Barra minn hekk, dawn l-iskollijiet, li s-soltu jkunu qrib ix-xatt, jiffurmaw bħal ħajt li jipproteġi x-xtut milli jitmermru bil-qilla tal-mewġ.

F'dawn l-iskollijiet jgħixu wkoll diversi organiżmu żgħar, li jaf ikollhom sustanzi importanti li minnhom tista' ssir mediċina għall-kura ta' xi mard.

### Sensittiv

Il-qroll huwa sensittiv ħafna għall-bidliet ambjentali. Anke tibdil f'parti żgħira ta' l-ekosistema malajr jista' jwassal għal effetti serji fuq l-iskoll kollu. Per eżempju, meta jsir żvilupp matul ix-xatt, spiss jirriżulta li fertilizzanti u sedimenti mill-art jinġarru mix-xita u jispiċċaw fil-baħar. Dan iwassal biex l-ilma jiddardar, u peress li l-qroll jiddependi mid-dawl tax-xemx biex jgħix, dan jimrad, jibblijċja (jitlef il-kulur u jibjad) u jmut fi ftit tas-snin. Barra minn hekk, in-nutrienti li jkun hemm fil-fertilizzant jistgħu jgħinu lil xi alġi biex jikbru fl-ilmijiet fejn ikun hemm il-qroll: dawn l-alġi jikkompetu mal-qroll u joħonqulu d-dawl u l-ossiġnu kollu li jkun hemm fl-ilma. Mill-ġdid il-qroll ibati u spiss imutu wesgħat kbar minnu.

### Sajd u qbid

Theddida oħra hija s-sajd esaġerat. Iktar ma tiżdied il-popolazzjoni tan-nies fid-dinja, iktar qed jinqabad ħut minn madwar l-iskollijiet. Xi metodi biex jaqbdu l-ħut huma serji ħafna, per eżempju, bl-isplussiv. Dan huwa barbaru u huwa illegali f'ħafna pajjiżi, imma xorta waħda għadu jsir (kultant anke fl-ibħra Maltin!!!).

Periklu ieħor huwa l-qbid tal-ħut għall-akkwarjums. Peress li ħafna ħut li jgħix mal-*coral reefs* huwa fost l-isbaħ u l-aktar imlewwen fid-dinja, ħafna qbid ta' ħut tropikali jsir proprju f'dawn l-ilmijiet.

### Imfittex

Il-qroll fih innifsu wkoll huwa mfittex. Għandu forom u kuluri sbieħ u spiss jiġi fil-mira ta' min iqaċċat minnu bl-addoċċ biex ibigħu. Mill-qroll isiru statwi, ġiżirajjen u ċpiepet, kif ukoll hawn min iżejjen bih fil-forma naturali tiegħu. Il-ħasra hija li l-qroll jieħu ħafna snin biex jifforma, u min huwa żaqqieq għall-flus spiss jagħmel ħerba minn dan l-ambjent delikat.

### Famuż

L-iskollijiet tal-qroll huma famużi għall-ġmiel u l-ħajja li fihom, u għalhekk jipprovdu attrazzjoni kbira. Fil-fatt, fir-reġjuni fejn jinstabu l-iskollijiet, it-turiżmu huwa sors importanti ħafna ta' flus għan-nies ta' l-inħawi. It-turisti jiġu bil-gzuz biex jgħoddsu ħalli jaraw din il-meravilja tan-natura.

Imma anke hawnhekk, jekk l-għaddasa ma jiġux ikkontrollati sew, jista' jsir ħafna ħsara għax il-preżenza kontinwa ta' nies kurjużi jmissu u jgħarrxu 'l hawn u 'l hemm jistgħu jfixklu u jgerrxu l-ħut u ħlejjaq oħrajn.

### Soluzzjoni

B'xorti ħażin ħafna iskollijiet tropikali qegħdin f'pajjiżi fejn in-nies huma fqar, li ma tistax tagħtihom tort jekk jiuppruvaw jgħixu mill-prodotti tal-baħar. Għalhekk is-soluzzjoni hija li dawn ir-reġjuni jiffukaw fuq l-**ekoturiżmu**, jiġifieri turiżmu li jirrispetta l-ambjent. Jekk dan jirnexxi, kif qed jirnexxi f'ħafna pajjiżi, il-futur tal-qroll u tan-nies tal-post ikun ħafna iktar sostenibbli u pożittiv.


L-għaddasa jistgħu jfixklu l-ħajja tal-baħar.



## Thomasina Cat Sanctuary

Żuru l-jumble sale/bażar li jsir kull nhar ta' Ħadd 2pm-5pm ħdejn id-daħla tal-Flower Power, ħdejn Ta' Qali.



"Nixtieq naf min tefa' s-softener fil-birdbath!"



Eliseo Pavanello

**Ritratt tal-membri li attandew il-party tal-Milied, flimkien ma' Ċikkurillu, il-maskot tal-BoV. Il-BoV huma sponsors ta' xi proġetti tal-Klabb.**



## T-shirts ta' l-Għadira

**Minbarra suwed, issa għandna wkoll ta' lewn blu skur. Id-disinn huwa ta' monakella bil-passi! Prezz Lm1.95. Aqbżu qabża sar-riserva ta' l-Għadira.**

## Kiesaħ u biered!

Fl-24 ta' Novembru, mill-Qawra dehru kaċċaturi minn ġo speedboat jisparaw fuq **Gawwija Geddumha Aħmar** (Audouin's gull), tajra rari mad-dinja kollha. Dawn waqfu biex jiġbruha, u wara ftit... irmewha lura fil-baħar!



# Daħħal membru ġdid fi Klabb Ħuttaf u inti tieħu...



- **Tliet pitazzi**
- **Stiker bil-kulur**
- **8 punti fil-Ħuttafa tas-Sena**

Ħajjar ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Huttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħathomlna, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.



8

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Data tat-twelid ____________ Telefon ____________

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Telefon ____________

Ibgħat kollox lil *BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12*

Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta), postal order jew 34 bolla tas-6ċ

Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!



Il-Balluta
Dis-siġra tgħodd l-elf sena!
Hija l-ixjeb ħaġa ħajja li hawn Malta!
Li kieku kienet titkellem għandha storja
twila x'tirrakkonta...
BirdLife
MALTA
Għall-Għasafar!